**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2016**

**Kawża Nru 37**

**Rik. Nru. 203/10JRM**

**WIED BUFULA DEVELOPMENTS LIMITED** (C – 26780)

vs

**IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta' Marzu, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li kwalunkwe notifika li allegatament saret lilha bil-kont maħruġ mill-Kummissarju intimat fit-13 ta' Ġunju, 2001 ma tiswiex billi ma saritx kif mistħoqq skond il-liġi; (b) issib li l-proċedura li ħa l-Kummissarju mħarrek biex jikkanonizza l-allegat kreditu tiegħu kontra l-kumpannija attriċi wkoll hija żbaljata u mhix valida skond il-liġi; (ċ) issib li ma hemm ebda ammont dovut mill-kumpannija attriċi lill-intimat, u dan taħt il-provvedimenti li din il-Qorti jogħġobha tagħti. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-12 ta' April, 2010, li biha l-Kummissarju mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad it-talbiet attriċi

u qal illi l-ittra uffiċjali mertu ta' dan il-każ ġiet notifikata skond il-liġi; li l-ammont ta' taxxa mitlub mingħand il-kumpannija attriċi huwa fil-fatt dovut; u li l-proċedura li mexa biha għall-ġbir tal-likwidazzjoni finali tat-taxxa li jmissha titħallas kienet waħda mistħoqqa u kif titlob il-liġi fil-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degrieti tagħha tad-9 ta' Mejju, 2013[1], u tas-6 ta' Novembru, 2013[2], li bihom ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda ta' Antonio *sive* Ninu Debono fuq talba mressqa mill-Kummissarju mħarrek fis-seduta tad-9 ta Mejju, 2013;

Rat in-Nota tal-20 ta' Jannar, 2015[3] li biha l-kumpannija attriċi għarrfet lill-Qorti bil-mewt tax-xhud Antonio sive Ninu Debono, qabel ma laħaq ta x-xhieda tiegħu;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi dokumentali kollha mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2015[4], li bih ħalliet il-kawża sabiex l-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-7 ta' Mejju, 2015[5];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissarju mħarrek tal-31 ta' Lulju, 2015[6], bi tweġiba għal dik ta' l-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2015[7] li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' kontestazzjoni ta' att ġudizzjarju li bih l-intimat irrenda eżekuttiva talba tiegħu għall-ħlas ta' taxxa taħt il-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta.  Il-kontestazzjoni hija marbuta man-nuqqas ta' siwi tan-

[1] Paġ. 129 tal-proċess
[2] Paġ. 141 tal-proċess
[3] Paġ. 144 tal-proċess
[4] Paġ. 148 tal-proċess
[5] Paġġ. 152 – 161 tal-proċess
[6] Paġġ. 165 – 169 tal-proċess
[7] Paġ. 172 tal-proċess

notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju, u kif ukoll għar-raġuni illi dak mitlub mhux dovut, u għaldaqstant il-proċedura segwita mhix valida;

Illi għal din l-azzjoni, il-Kummissarju mħarrek laqa' billi qal illi l-ammont mitlub huwa dovut, u li t-talbiet mibgħuta minnu, inkluż għaldaqstant l-avviż ta' likwidazzjoni sabiex jiġbor l-ammont dovut, ġew notifikati lill-kumpannija attriċi skond il-liġi. Għaldaqstant il-proċedura tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija tajba u n-notifika tagħha saret ukoll skond il-liġi;

Illi bħala **fatti relevanti** li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta illi l-kumpannija attriċi daħlet fuq ftehim ta' xiri-u-bejgħ ta' bicca art ġewwa San Pawl il-Baħar bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-10 ta' Awwissu tal-2000[8]. Fuq dak it-trasferiment ħallset boll ta' ħmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) b'denunza li ressaq in-nutar pubbliku erbatax-il (14) jum wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt[9];

Illi minħabba li l-perit imqabbad mid-Dipartiment qies li s-siwi tal-art miksuba mill-kumpannija attriċi kien jaqbeż il-prezz muri fil-kuntratt, kienet inħarġet stima b'Avviż ta' Likwidazzjoni kontra l-kumpannija attriċi ta' ħlas addizzjonali fl-ammont ta' tmintax-il elf, tliet mija ħamsa u sebgħin elf lira Maltin (Lm18,375). Din il-pretensjoni, illi ħadet il-forma ta' avviż ta' likwidazzjoni u li ġabet id-data tat-13 ta' Ġunju, 2001[10], ġiet notifikata lill-kumpannija attriċi fl-uffiċju reġistrat tagħha f'"*Land's End*", *St. Paul Street, St. Paul's Bay*" fl-14 ta' Awwissu, 2001[11], wara li kienu saru bosta tentattivi li dejjem taw riżultat negattiv;

Illi l-kumpannija attriċi ressqet oġġezzjoni għal dan l-avviż fl-20 ta' Awissu, 2001[12]. B'riżultat ta' din l-oġġezzjoni, il-Kummissarju mħarrek għamel evalwazzjoni mill-ġdid, iżda ma biddilx fehmtu. Il-kumpannija attriċi ressqet ittra ta' oġġezzjoni oħra li ġġib id-data tal-21 ta' Marzu, 2003[13]. Id-deċizjoni tal-Kummissarju mħarrek ġiet mgħarrfa lill-kumpannija attriċi permezz ta' Avviż ta' Rifjut li jġib id-data tat-22 ta' Ottubru, 2003, u li ġie notifikat lill-kumpannija attriċi fil-11 ta' Ottubru, 2003, fl-uffiċju reġistrat tagħha. Skond ir-riferta, in-notifika laqgħetha persuna bl-isem ta' "A Debono"[14]. Il-kumpannija attriċi kellha tletin (30) jum biex tappella minn dik id-deċiżjoni[15];

---

[8] Dok. "VBB" f'paġġ. 49 – 51 tal-proċess
[9] Dok. "KT1" f'paġġ. 10 – 13 tal-proċess
[10] Dok. "KT2" f'paġ 14 tal-proċess
[11] Risposta Maħlufa tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni f'paġ. 7 tal-proċess
[12] Dok. "KT3" f'paġ. 15 tal-proċess, u x-xhieda tan-Nutar Victor Bisazza f'paġġ. 46 – 47 tal-proċess. Ara f'dan ir-rigward l-art. 56(1) tal-Kap. 364
[13] Dok. "VBC" f'paġ. 52 – 53 tal-proċess
[14] Dok. "KTI5" f'paġ. 17
[15] Art. 58(1) tal-Kap. 364

Illi l-kumpannija attriċi naqset li tappella, u l-ammont mitlub baqa' ma tħallasx tant illi l-Kummissarju mħarrek bagħat jgħarraf lill-kumpannija attriċi illi fin-nuqqas ta' ħlas fi żmien tletin jum, huwa kien ser jieħu proċeduri legali kontra tagħha. Dik l-ittra (magħrufa bħala Nota ta' Talba għall-Ħlas) li ġġib id-data tad-29 ta' Diċembru, 2003[16], ġiet notifikata lill-kumpannija attriċi u wieġbet għaliha b'ittra minn idejn il-konsulent legali tagħha li ġġib id-data tat-2 ta' Frar, 2004[17]. F'dik l-ittra, il-Kummissarju mħarrek inġibditlu l-attenzjoni illi n-notifika tal-kont fuq il-kumpannija attriċi tħalla f'idejn Anthony Debono, li la huwa azzjonista, direttur, impjegat, u lanqas kellu x'jaqsam mal-kumpannija[18]. Għaldaqstant in-notifika mhix valida fil-liġi;

Illi l-istess avviż[19] reġa' nħareġ fil-5 ta' Jannar, 2005, u saret notifika fl-imsemmi indirizz fis-7 ta' Jannar, 2005, u għal darb'oħra laqa' n-notifika "A. Debono" [20];

Illli skond dokument imressaq mill-Kummissarju mħarrek, fl-indirizz "Land's End", Flat 6, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, kien joqgħod Anthony Debono[21], li miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri[22];

Illi fis-16 ta' Frar, 2010, il-Kummissarju mħarrek bagħat ittra uffiċjali għall-fini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, u talab il-ħlas ta' tnejn u erbgħin elf, tmien mija u żewġ ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€42,802.24) ekwivalenti għas-somma ta' tmintax-il elf, tliet mija u ħamsa u sebgħin Liri Maltin (Lm18,375). Il-kumpannija attriċi ġiet notifikata fl-indirizz tad-direttur tagħha, Mario Debono, kif jidher fuq il-Memorandum of Association[23] tagħha, u fuq l-*annual return* tal-istess kumpannija tas-sena 2011[24];

Illi fit-3 ta' Marzu, 2010, il-kumpannija attriċi eżekutata fetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel **il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali** marbutin mal-każ. Il-kumpannija attriċi eżekutata tikkontesta s-siwi ta' kull notifika fuq il-kumpannija mħarrka tal-kont maħruġ mill-Kummissarju mħarrek fit-13 ta' Ġunju, 2001;

---

[16] Dok. "KTI10" f'paġ. 85 tal-proċess
[17] Dok. "KTI6" f'paġ. 18 tal-proċess
[18] Ara f'dan is-sens ukoll ix-xhieda ta' Mario Debono f'paġġ 79 – 80 li tirreferi għall-firma ta' "A Debono" fuq ir-riferta ta' dokumenti annessi fil-proċess
[19] Dok. "KTI7" f'paġ. 19 tal-proċess
[20] Dok. "KTI8" f'paġ. 20 tal-proċess
[21] Dok. "ND" f'paġ. 133 tal-proċess
[22] Dok. "ND1" f'paġ. 145 tal-proċess
[23] Dok. "MDB" f'paġ. 58 tal-proċess
[24] Dok "KTI12", f'paġ. 106 tal-proċess

Illi l-kumpannija attriċi tibni din il-kontestazzjoni fuq żewġ konsiderazzjonijiet: fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12[25], in-notifika ma saretx fl-uffiċju reġistrat tagħha, iżda fl-indirizz fejn joqgħod missier Mario Debono, id-direttur tal-kumpannija mħarrka. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-avviz ta' rifjut[26], dan ġie notifikat fl-uffiċju reġistrat tagħha, iżda laqa' n-notifika Anthony Debono li, fi kliem il-kumpannija attriċi, ma għandu x'jaqsam xejn mal-kumpannija, la bħala impjegat u lanqas bħala uffiċjal tagħha, u għalhekk din in-notifika ma tiswiex f'għajnejn il-liġi. Hu jgħid illi l-Kummissarju mħarrek ma ressaq ebda prova li turi li Anthony Debono kien b'xi mod konness mal-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi tisħaq li din kienet prova li l-imħarrek kien mistenni li jressaq u ma ressaqhiex;

Illi l-Kummissarju mħarrek jilqa' għall-ewwel argument billi jgħid illi l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-kumpannija attriċi eżekutata fl-indirizz li skond il-*Memorandum of Association* tagħha joqgħod fih id-direttur tal-kumpannija Mario Debono. Din in-notifika hija valida għaliex anke jekk l-indirizz mhux dak tal-kumpannija, in-notifika tħalliet f'idejn missier Mario Debono u din hija valida a tenur tad-disposizzjoni tal-artikolu 187(1) u (4) u l-artikolu 181A tal-Kap 12. Dwar it-tieni argument, il-Kummissarju mħarrek jilqa' billi jgħid illi l-avviż ta' likwidazzjoni ġie notifikat fl-uffiċju reġistrat u saret oġġezzjoni, filwaqt illi n-notifika ta' l-avviż ta' rifjut intbghatet b'posta reġistrata permezz ta' żewġ *pink cards* fl-istess uffiċju reġistrat tal-kumpannija eżekutata (u ffirma għalihom "A. Debono"). B'hekk jgħid li huwa mexa mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Kap 364 li jirregola n-notifika ta' avviż għal finijiet ta' dik il-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda n-notifika ta' kumpannija jew ta' korp mogħni b'personalita' ġuridika, il-liġi tipprovdi dwar kif għandha ssir in-notifika lilha ta' atti ġudizzjarji fl-artikolu 187(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jipprovdi dwar fejn għandha ssir in-notifika ta' att ġudizzjarju lill-korp li jkollu personalita' ġuridika[27] u kif ukoll lil min għandha ssir tali notifika, filwaqt li, b'mod alternattiv għall-ewwel għamla ta' notifika, isemmi lil min għandha ssir in-notifika[28], imma fil-post li l-liġi ssemmi dwar in-notifiki ta' persuni individwali. B'differenza mill-każ ta' notifika ta' individwi, il-liġi tgħid li dwar persuni kompetenti li jirċievu atti ġudizzjarji f'isem korp mogħni b'personalita' ġuridika, tali persuni jridu jkunu awtorizzati bil-miktub minn tali korp biex jirrappreżentawha[29];

---

[25] Dok. "KTI9" f'paġ. 21 tal-proċess
[26] Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-abbli avukat tal-kumpannija attriċi jirreferi għalih bħala l-avviż ta' likwidazzjoni Dok. "KTI4" jew dok. "KTI4" huwa l-avviż ta' rifjut li joħroġ wara li ssir oġġezzjoni
[27] Art. 187(4)(a) tal-Kap 12
[28] Art. 187(4)(b) tal-Kap 12
[29] Art. 181A(2) tal-Kap 12

Illi kif tajjeb tissottometti l-abbli avukat tal-Kummissarju mħarrek, il-liġi tipprovdi wkoll kif għandha ssir notifika ta' avviż għall-finijiet tal-Kap. 364. Hekk l-artikolu 61[30] jipprovdi dwar lil min u fejn għandha ssir in-notifika ta' avviż. Dak l-artikolu jirregola tali notifika kemm fir-rigward ta' persuna fiżika u kif ukoll fir-rigward ta' korp b'personalita' ġuridika. F'każ li tintuża posta reġistrata, il-liġi tagħraf ukoll kif għandu jibda jintgħadd iż-żmien tan-notifika ta' avviż magħmul lil persuna li tgħix Malta u notifika lil persuna li toqgħod barra minn Malta[31]. Il-Qorti tqis li dan l-artikolu jitkellem dwar in-notifika ta' avviżi maħruġa taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u mhux fuq in-notifika tal-atti ġudizzjarji. Fil-każ tan-notifika b'atti ġudizzjarji jipprovdi artikolu ieħor li jitkellem dwar kif issir l-eżekuzzjoni tal-likwidazzjoni tat-taxxa li tkun saret titolu eżekuttiv[32];

Illi l-Qorti tqis li wieħed irid jagħraf bejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi (ġenerali) li jitkellmu dwar is-siwi tan-notifiki ta' atti ġudizzjarji u dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi (speċjali, bħalma huwa l-Kap 364) dwar is-siwi ta' notifiki tal-atti amministrattivi li ma jkunux atti ġudizzjarji. L-imħarrek jisħaq li dawn iridu jinqraw dejjem u tabilfors flimkien[33], iżda dwar dan il-Qorti ma taqbilx għaliex l-atti ġudizzjarji u l-atti amministrattivi (ukoll jekk ikunu likwidazzjonijiet ta' taxxa dovuta jew mitluba) għandhom għanijiet differenti minn xulxin. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali fuq in-notifika tal-atti amministrattivi jippermettu li wieħed "jitqies"[34] li jkun notifikat, filwaqt li fil-każ ta' atti ġudizzjarji ma hemm lok għall-ebda preżunzjoni bħal din, fejn in-notifika jew tidher mill-att innifsu jew ma teżistix;

Illi mill-fatti hawn fuq imsemmija, il-Qorti ssib li n-notifika tal-ittra uffiċjali saret kif imiss billi ġiet indirizzata lil Mario Debono, li għandu r-rappreżentanza legali tal-kumpannija attriċi kif ukoll huwa s-segretarju tal-istess kumpannija[35]. Minbarra dan, l-imsemmija ittra uffiċjali tħalliet f'idejn membru tal-familja (missier l-istess Mario Debono), fil-lok fejn hu indika li joqgħod fil-*Memorandum of Association*[36];

Illi ladarba l-azzjoni attriċi tidher li tikkontesta wkoll in-notifika lilha tal-avviż tal-likwidazzjoni, jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ ukoll is-siwi ta' dik in-notifika. Bħalma ngħad, għall-finijiet tan-notifika ta' avviżi taħt il-Kap 364, ir-regoli mhumiex l-istess bħalma l-liġi tipprovdi dwar in-notifiki tal-

[30] In-notifika ta' avviz għall-finijiet tal-Kap. 364 għandha ssir lill-persuna li lilha jkun indirizzat jew personalment jew billi jintbagħat bil-posta reġistrata fl-indirizz tan-negozju, jew privat tagħha l-aħħar magħruf, u f'kaz tal-posta reġistrata fil-każ ta' persuna li tgħix f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara d-data li jiġi mpustat, u fil-każ ta' persuna li ma tkun tirrisjedi Malta, fil-jum li jiġi wara dak li fih l-avviż kien jiġi riċevut normalment bil-post
[31] Art. 61(2) tal-Kap 364
[32] Art. 60A tal-Kap 364
[33] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 168 tal-proċess
[34] Ara, b'eżempju, l-art 61(2) tal-Kap 364
[35] Ara Dok "MDB", f'paġ. 58 tal-proċess
[36] U b'hekk b'ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-art. 187(4)(b) abbinat mal-art. 187(1) tal-Kap 12

atti ġudizzjarji. Bl-avviż tat-13 ta' Gunju, 2001, il-Kummissarju mħarrek ħareġ l-Avviż ta' Likwidazzjoni, u għalkemm mill-provi ma jirriżultax kif il-kumpannija ġiet notifikata jew f'idejn minn tħalliet in-notifika, ma hemm l-ebda dubju li n-notifika saret tant li l-kumpannija attriċi daħħlet oġġezzjoni u ma lmentatx min-nuqqas ta' siwi ta' dik in-notifika;

Illi mis-sottomissjonijiet tagħha il-kumpannija attriċi tikkontesta l-mod kif saret in-notifika tal-avviż ta' rifjut li ntbgħat wara l-oġġezzjoni fuq imsemmija. B'differenza mill-Kap 12, il-Kap 364 ma jispeċifikax min għandu l-jedd illi jilqa' notifika. Fl-artikolu 61 tirreferi għall-'persuna li lilha jkun indirizzat' u li n-notifika trid issir 'fl-indirizz .. .. l-aħħar magħruf'. Fil-każ tal-lum, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-'persuna' hija l-kumpannija attriċi eżekutata minħabba li kienet hija, fl-ewwel lok, li qajmet l-oġġezzjoni għall-ewwel Avviż ta' Likwidazzjoni li bagħat il-Kummissarju imħarrek f'Awwissu tal-2000. Fl-imsemmija oġġezzjoni, il-kumpannija kienet tat ukoll l-indirizz li ħabat huwa l-istess bħall-indirizz muri fil-*Memorandum* tagħha[37]. Dan, mela kien l-'indirizz l-aħħar magħruf' li fih il-Kummissarju mħarrek kien mistenni li jibgħat l-Avviżi maħruġin minnu fuq l-oġġezzjonijiet imqajma mill-kumpannija attriċi eżekutata;

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrek li, jekk inhu minnu li l-Avviżi maħruġin mill-Kummissarju jintwerew li ntbagħtu fl-indirizz lilu indikati, dik toħloq preżunzjoni li tabilħaqq hekk ikun sar u li n-notifika mistennija mil-liġi tkun twettqet kif imiss[38]. F'każ bħal dan, min jilminta li ma kienx tabilħaqq laqa' xi Avviż lilu indirizzat jew li l-proċess kien vizzjat, irid jipprova dak li jallega;

Illi l-Qorti, wara li fliet sewwa l-fatti miġjuba quddiemha, tqis li dawn juru li l-imħarrek kien qabel mal-kumpannija attriċi eżekutata li ma kenitx laqgħet in-notifika tal-Avviż tal-Likwidazzjoni li ntbagħtilha fl-2003. Kemm hu hekk, wara li taha l-"benefiċċju tad-dubju"[39], reġa' ħareġ Avviż ta' Likwidazzjoni fil-bidu ta' Jannar tal-2005. Dan ifisser li l-Kummissarju mħarrek jagħraf li, sal-2005, il-kumpannija attriċi ma kenitx għadha ġiet notifikata kif imiss. Imbagħad, meta reġa' ittanta n-notifika tal-Avviż f'Jannar tal-2005, reġa' ttenna l-istess żball ta' qabel. Ħareġ sewwa mix-xhieda li l-binja li fiha kellha ssir in-notifika tal-Avviżi hija magħmula minn iżjed minn appartament wieħed b'bibien għal rashom[40]. Din il-prova ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-imħarrek;

[37] Ara Dokti "KTI11" u "KTI12", f'paġġ. 97 u 104 tal-proċess
[38] App. Inf. EG **24.6.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Quest Ltd.***
[39] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 166 tal-proċess
[40] Ara x-xhieda ta' Salvu Debono f'paġġ. 119 – 120 tal-proċess

Illi dan kollu jfisser li, għalkemm bis-sistema ta' posta wżata (dik reġistrata) l-avviż seta' tassew wasal għand min laqgħu fi żmien jumejn mid-data tal-avviż kif jipprovdi l-artikolu 61, il-fatt illi l-persuna li laqgħet in-notifika toqgħod fit-tieni sular u ma għandha l-ebda rabta mal-kumpannija attriċi u meta l-kumpannija attriċi għandha l-uffiċju tagħha fil-pjan terran bi dħul minn bieb separat, il-Qorti mhix tal-fehma illi n-notifika saret fil-post fejn isir in-negozju, liema post il-Qorti tqis li huwa l-uffiċċju reġistrat, u dan kontra dak li jitlob li jsir l-artikolu 61 tal-Kap 364. Joħroġ ukoll li ma jistax jingħad li l-Avviż ta' Rifjut ta' oġġezzjoni ntbagħat jew intlaqa' mill-persuna li oġġezzjonat (jiġifieri, il-kumpannija attriċi eżekutata) kif irid l-artikolu 56(3) tal-Kap 364[41] ;

Illi din il-Qorti, speċjalment f'materja teknika bħalma hija l-kwestjoni tas-siwi ta' notifika, għandha tħares b'reqqa dak li tgħid il-liġi dwar il-proċedura preskritta tan-notifiki[42];

Illi għalhekk fis-sewwa jrid jingħad illi għalkemm jidher illi n-notifika tal-ewwel Avviż ta' Likwidazzjoni saret kif imiss, ġaladarba tressqet oġġezzjoni lill-Kummissarju mħarrek minn notifika tiegħu kif titlob il-liġi, ma jidhirx li l-kumpannija attriċi eżekutata għadha ġiet notifikata kif trid l-istess liġi bin-Notifika tal-Likwidazzjoni tal-5 ta' Jannar 2005 mill-oġġezzjoni tagħha min-naħa tal-istess imħarrek[43]. Ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, jiġi li mingħajr tali notifika, tonqos ħolqa siewja u essenzjali tal-proċess stabbilit biex bih Avviż tal-Kummissarju jikseb is-saħħa ta' titolu eżekuttiv[44]. Dan ifisser ukoll li l-ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju mħarrek taħt l-artikolu 466 ma tiswiex għaliex "*quod nullum est, nullum producit effectum*", għaliex joħroġ li tressqet qabel waqtha meta ma kienx għad hemm titolu eżekuttiv kontra l-kumpannija attriċi eżekutata. Dan it-titolu ma jitwelidx qabel ma jkun twettaq il-proċess kollu li l-liġi tippreskrivi għall-ħolqien tiegħu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba** tal-kumpannija attriċi eżekutata hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi dan ifisser li **t-tieni talba** wkoll sejra tintlaqa' ġaladarba hija marbuta mal-ewwel waħda u konsegwenzjali għaliha;

Illi minħabba f'hekk, mhuwiex meħtieġ li l-Qorti tqis ukoll **it-tielet talba**, minbarra l-kwestjoni dwar jekk tassew taqax fis-setgħat ta' din il-Qorti li tqis jekk u kemm taxxa hija dovuta minn *taxpayer* lill-Kummissarju

[41] Ara. P.A. GCD **21.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank X. Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**29.11.2013**)
[42] Ara, b'eżempju, P.A. MCH **25.6.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Paċe et vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** (mhix appellata)
[43] Dok "KTI7", f'paġ. 19 tal-proċess
[44] Ara App. Inf. RCP **28.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Borġ vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***

mħarrek, ladarba din il-kwestjoni hija determinata mil-liġi speċjali li tagħti s-setgħa lil organi statutorji speċjali biex iqisu kwestjonijiet bħal dawn[45];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-kumpannija attriċi** eżekutata billi huma mistħoqqa ladarba n-notifiki mitluba mil-liġi ma sarux kif tgħid il-liġi;

**Tastjeni** milli tqis it-**tielet talba** tal-kumpannija attriċi eżekutata;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Kummissarju mħarrek; u

**Tordna** li l-Kummissarju mħarrek iħallas **l-ispejjeż** ta' din il-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**14 ta' Ġunju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat registratur**

**14 ta' Ġunju, 2016**

45 Ara art. 58(1) tal-Kap 364 u P.A. MCH **16.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Pulliċino vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (mhix appellata)